32004D0267

L 83/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 20.3.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Marzu 2004

li temenda d-Deċiżjoni 1999/813/KE li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, dwar l-għażla ta' l-awtorità kompetenti u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 825)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/267/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tas-sajd ([1]), u l-aktar l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/813/KE ([2]), "Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' l-Ispezzjoni u ta' l-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Prodotti tas-Sajd (NAFIQACEN) tal-Ministeru għas-Sajd" huwa meqjus fil-Vjetnam bħala l-awtorità kompetenti biex tivverifika u tiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura mal-kriterji tad-Direttiva 91/493/KEE.

(2) Wara li kien hemm ristrutturar fit-tmexxija tal-Vjetnam, l-awtorità kompetenti nbidlet f'"Id-Direttorat Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Prodotti tas-Sajd u Veterinarju (NAFIQAVED)". Din l-awtorità l-ġdida għandha s-setgħa tivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tar-regoli li hemm fis-seħħ.

(3) In-NAFIQAVED ipprovda assigurazzjonijiet uffiċjali fuq il-konformità mal-livelli għall-kontrolli u l-monitoraġġ tas-saħħa tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura, kif stabbilit fid-Direttiva 91/493/KEE, kif ukoll fuq il-kisba ta' kriterji ta' iġjene li huma daqsinsew għal dawk stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(4) Id-Deċiżjoni 1999/813/EC għandha, għalhekk, tiġi emendata kif xieraq.

(5) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 1999/813/KE qed tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "L-Artikolu 1

   'Id-Direttorat Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Prodotti tas-Sajd u Veterinarju (NAFIQAVED)' għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Vjetnam biex jivverifika u jiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura mal-kriterji tad-Direttiva 91/493/KEE."

2. Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

   "2. Iċ-ċertifikati għandhom ikollhom l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tan-NAFIQAVED, kif ukoll it-timbru uffiċjali tiegħu f'kulur li jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra li jkunu tniżżlu fiċ-ċertifikat."

3. L-Anness I jinbidel bit-test li hemm fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun tgħodd mill-4 ta' Mejju 2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15, Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 315, tad-9.12.1999, p. 39, Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/331/KE (ĠU L 114, tat-13.5.2000, p. 39).

L-ANNESS

"L-ANNESS I

ĊERTIFIKAT TAS-SA~~ĦĦ~~A

għal prodotti tas-sajd mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea

Nru. tar-Referenza: .....

Pajjiż tad-Dispaċċ:	IL-VJETNAM
L-Awtorità Kompetenti:	Id-Direttorat Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Prodotti tas-Sajd u Veterinarju (NAFIQAVED)

I. *Dettalji li jiddeskrivu l-prodotti tas-sajd*

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura [1]: .....

— L-ispeċi (isem xjentifiku): .....

— Il-preżentazzjoni tal-prodott u l-għamla ta' trattament [2]: .....

— In-numru tal-kodiċi (jekk japplika): .....

— It-tip ta' pakketti: .....

— In-numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— It-temperatura mehtieġa għall-ħażna u l-ġarr: .....

II. *L-Oriġini tal-prodotti*

L-isem(l-ismijiet) u n-numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), il-bastimenti tal-fabbrika, jew l-imħażen ta' kesħa approvati jew bastimenti b'tagħmir ta' friża rreġistrati min-NAFIQAVED għall-esportazzjoni lejn il-KE:

.....

III. *Id-Destinazzjoni tal-Prodotti*

Il-prodotti qed jintbaghtu:

minn: .....
(il-post tad-dispaċċ)

lejn: .....
(il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

b'dan il-mezz ta' ġarr: .....

L-isem u l-indirizz ta' min qed jibgħat: .....

.....

L-isem tad-destinatarju u l-indirizz u l-post tad-destinazzjoni: .....

.....

[1] Ħassar fejn japplika.
[2] Ħaj, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, affumikat, ippreservat, eċċ.

IV. *Id-Dikjarazzjoni dwar is-saħħa*

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk qed jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd jew l-akwakultura imsemmija fuq:

1. inqabdu u tghabbew fuq bastimenti fi qbil mar-regoli tas-sahha stabbiliti bid-Direttiva 92/48/KEE;
2. tniżżlu, ġew ittrattati u, fejn xieraq, ġew ippakkjati, imħejjija, ipproċessati, iffriżati, thallew jinħallu u nħażnu b'mod iġjeniku fi qbil mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitli II, III u IV ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;
3. ghaddew minn kontrolli sanitarji fi qbil mal-Kapitlu V ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;
4. huma ppakkjati u mmarkati, inħażnu u ngarrew fi qbil mal-Kapitli VI, VII u VIII ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;
5. mhumiex ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li fihom ikun hemm il-biotossini;
6. ghaddew mill-verifiki organolettiċi, parassitoloġiċi, kimikali u mikrobioloġiċi stabbiliti ghal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni ma' din;
7. Barra minn hekk, fejn il-prodotti tas-sajd ikunu molluski bivavli ffriżati jew ipproċessati: il-molluski nkisbu minn inhawi ta' produzzjoni approvati li huma stabbiliti fl-Anness ghad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/333/KE li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali ghall-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-bahar li jkunu ġejjin mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, u li jkunu ġew sterilizzati jew ikkurati bit-tishin fi qbil mal-kriterji tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 20003/774/KE.

— L-ispettur uffiċjali hawn taht iffirmat, jiddikjara li huwa konxju mid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 91/492/KEE, 91,493/KEE u 92/48/KEE u minn dawk tad-Deċiżjonijiet 1999/813/KE, 2000/333/KE u 2003/774/KE.

Magħmul fi ....., nhar .....
(post) (data)

TIMBRU UFFIĊJALI (3)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (3)
(Isem b'ittri kbar, il-kariga u l-kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

(3) Il-kulur tat-timbru ghandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-ohra li jkunu jidhru fiċ-ċertifikat."